MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2013

Numru 291/2011

Il-Pulizija
(Spettur Priscilla Caruana)

vs

Leslie Farrugia
Maria Grazia Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta' karta ta' identita' numru 202492M u 122966M rispettivament, akkuzati talli:

1. fl-24 ta' Settembru 2010, gewwa Birzebbugia u f'postijiet ohra gewwa Malta, mexxew biljetti tal-flus falsifikati, liema biljett tal-flus falsifikat huwa tal-€50, meta kienu jafu li hija falsifikata;
2. fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza leggittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll

kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus u cioe’ karta tal-€50 falsifikata, meta kien jaf li l-istess hija falsifikata.

Il-Qorti mitluba sabiex jekk fil-waqt il-proceduri kriminali, il-Qorti tqis il-htiega li tordna l-qerda tal-biljetti tal-flus foloz, hija ghandha qabel tikkonsulta mal-Bank Centrali ta’ Malta, u ghandha jekk u skont ma jista’ jkun jehtieg il-Bank Centrali, tieqaf milli tordna l-qerda taghhom u tghaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Centrali biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplat fl-Artiklu 49A(3) tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Il-Qorti mitluba wkoll li f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluz in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi fl-ahhar udjenza qabel din tal-lum, fl-liema ammissjoni baqghu jinsistu anka wara li l-Qorti tathom zmien jirrikonsidraw.

Intant:

Din il-kawza hi ta’ kompetenza originali ta’ din il-Qorti taht il-Kap 204.

L-imputazzjonijiet huma dawk ai termini tal-Artiklu 45 tal-istess li jitratta l-ispacc ta’ flus foloz, fil-kaz odjern ta’ biljett ta’ flus ta’ €50.
Issa stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputati l-Qorti tista’ tghaddi minnufih ghas-sentenza.

Rat l-Artiklu 45(1) tal-Kap 204. Wara li kkonsidrat li si tratta ta’ biljett wiehed, id-denominazzjoni tieghu, l-fedina penali netta tal-imputati, u hadet nota tal-fatt li l-imputati irrisarxixxu lill-persuna li sofriet id-dannu, tiddeciedi li tilliberahom bl-applikazzjoni tal-Artiklu 22 tal-Kap 446 ghal sena mill-lum.

Rat l-Artiklu 50(3) u tordna li l-biljett tal-flus falz jigi kkonsenjat lill-Bank Centrali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------